MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2005

Avviz Numru. 280/2005

**Maltacom plc (C 22334)**

**vs**

**The Yellow Emperor (Zhong Hai) Limited (C 27868)**

**Il**-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' tlett elef, tliet mija u sitta u tletin lira Maltin u hames centezmi (Lm3,336.05), rapprezentanti ammont ta' numri telefonici 21339698, 21335110, 21336244, 21322392, 21322393 u 21338655 (skond kif jirrizulta mill-anness 'statement' Dok A, B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L) liema servizzi gew installati f'zewg postijiet [CN1062271 a/c 10096474/75/76, 10116040/41, u 10096477] u dana kif jirrizulta mill-kopji ta' l-applikazzjonijiet annessi u mmarkati Dok M u N .

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-Avviz ghas-smiegh, u ta' l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-29 ta' Novembru, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------